VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,891, 27 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 300 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
(Kap. 549)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 u 55(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.549.83.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira tal-kelma "ramel", għall-kliem "fl-Iskeda;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 1;".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Attivitajiet projbiti u restrizzjonijiet ġewwa l-Park.

3. (1) Ebda persuna m'għandha:

(a) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara n-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m), tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park matul Settembru, Ottubru, Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun:

Iżda l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00am) kull nhar ta' Erbgħa;

(b) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00am), tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park matul Diċembru u Jannar;

(ċ) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00am), tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, fl-ebda żona tal-Park matul festi pubbliċi minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun; u

(d) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m) matul staġun miftuħ, tieħu jew tipprova tieħu kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ, fl-ebda żona tal-Park.

(2) Ebda persuna m'għandha tidħol jew tipprova tidħol fil-Park:

(a) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara n-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m), meta tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kwalunkwe arma oħra, sew jekk ikkargata jew mhix, sew jekk fl-għata tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' munizzjon jew ebda tagħmir ieħor għat-teħid tal-kaċċa, jew fil-pussess ta' apparat ieħor intiż għall-kaċċa jew teħid matul Settembru, Ottubru, Novembru, u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa jew qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) matul Diċembru u Jannar:

Iżda ebda persuna m'għandha tidħol jew tipprova tidħol fil-Park meta tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kwalunkwe arma oħra, sew jekk ikkargata jew mhix, sew jekk fl-għata tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' munizzjon jew ebda tagħmir ieħor għat-teħid tal-kaċċa, jew fil-pussess ta' apparat ieħor intiż għall-kaċċa qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m) kull nhar t' Erbgħa;

(b) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m), meta tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kwalunkwe arma oħra, sew jekk ikkargata jew mhix, sew jekk fl-għata tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' munizzjon jew ebda tagħmir ieħor għat-teħid tal-kaċċa, jew fil-pussess ta' apparat ieħor intiż għall-kaċċa jew teħid, fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u matul festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun; u

(ċ) qabel sagħtejn minn tlugħ ix-xemx u wara s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m) matul staġun miftuħ, meta tkun fil-pussess ta' apparat għat-teħid jew kull mezz ieħor li jiffaċilita t-teħid ta' kull għasfur selvaġġ

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew fenek selvaġġ.

(3) Kull persuna li tikkaċċja fil-konfini tal-Park għandha tiskarga l-arma tan-nar jew arma oħra u tqiegħda fl-għata tagħha u għandha tiġbor kull apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew kull mezz ieħor li jiffaċilita l-ikkaċċjar u toħroġ mill-Park:

(a) san-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m.) matul Settembru, Ottubru, Novembru, u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara, matul Diċembru u Jannar, u tiżgumbra mill-Park kull arma tan-nar, munizzjon jew apparat ieħor għall-kaċċa jew kull mezz ieħor li jiffaċilita l-kaċċa ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ san-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m) matul Settembru, Ottubru, Novembru, u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Diċembru u Jannar:

Iżda kull persuna li tikkaċċja fil-konfini tal-Park għandha tiskarga l-arma tan-nar jew arma oħra u tqiegħda fl-għata tagħha u għandha tiġbor kull apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew kull mezz ieħor li jiffaċilita l-ikkaċċjar u toħroġ mill-Park, matul is-sena kollha, sal-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara kull nhar t' Erbgħa; u

(b) sal-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.) fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun, u tiżgumbra mill-Park kull arma tan-nar, munizzjon jew apparat ieħor għall-kaċċa jew kull mezz ieħor li jiffaċilita l-kaċċa ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ sa l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun.

(4) Meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull arma tan-nar skargata jew armi oħra, munizzjon, apparat jew mezzi oħra użati minnha intiżi għall-kaċċa ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Kull persuna li qed tipprattika t-teħid fil-konfini tal-Park għandha tiġbor kull apparat għat-teħid jew kull mezz ieħor li jiffaċilita' t-teħid ta kull fenek selvaġġ u toħroġ mill-Park sas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.) matul staġun miftuħ u, jew, fil-każ tat-teħid ta' għasafar skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u, jew, tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana) għandu jneħħi kull għasfur ħaj għat-taħrik jew għajjat, użat bħala *decoy* u jaċċerta ruħu li l-imnasab kollha għandhom jitħallew skargati u kompletament ċatti mal-art sas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.) u fil-ħinijiet kollha li fihom ma jkunx permess l-insib, u meta jagħlaq l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa jiżżarmaw u jitneħħew minn fuq il-post:

L.S. 549.74.

L.S. 549.93.

Iżda meta x-xbieki jkunu skargati u mpoġġija kompletament ċatti mal-art, il-persuna li qed jipprattika t-teħid tal-għasafar selvaġġi għandu jieħu dawk il-miżuri kollha biex jaċċerta ruħu li ma jista' jkun hemm l-ebda speċi li aċċidentalment tinqabad fix-xbieki meta ma jkunux attivi:

Iżda wkoll meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull apparat għat-teħid jew kull mezz ieħor użat minnu sabiex jiffaċilita t-teħid ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park m'għandha:

L.S. 549. 42

L.S. 549.90

(a) tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għatta tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' kull tip ta' munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar, jew xi mezzi oħra intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi, bejn in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m.) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Settembru, Ottubru, Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Diċembru u Jannar:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park m'għandha tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għatta tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' kull tip ta' munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar, jew xi mezzi oħra intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara kull nhar t' Erbgħa;

(b) tkun fil-pussess ta' arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għatta tagħha jew mhix, jew fil-pussess ta' kull tip ta' munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar, jew xi mezzi oħra intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi, bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun;

(ċ) tkun fil-pussess ta' kull tip ta' apparat intiż għat-teħid, jew xi mezzi oħra intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi bejn is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul staġun miftuħ;

(d) tkun fil-pussess jew kontroll ta' għasfur selvaġġ ikkaċċjat jew fenek selvaġġ, kemm jekk ħaj jew mejjet, kemm jekk sħiħ jew parti minnu, bejn in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Settembru, Ottubru, Novembru u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Diċembru u Jannar:

Iżda wkoll ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park m'għandha tkun fil-pussess jew kontroll ta' għasfur selvaġġ ikkaċċjat jew fenek selvaġġ, kemm jekk ħaj jew mejjet, kemm jekk sħiħ jew parti minnu, bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara kull nhar t' Erbgħa; u

(e) tkun fil-pussess jew kontroll ta' għasfur

VERŻJONI ELETTRONIKA

selvaġġ ikkaċċjat jew fenek selvaġġ, kemm jekk ħaj jew mejjet, kemm jekk sħiħ jew parti minnu, fi kwalunkwe parti tal-Park bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun.

L.S. 549.42

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, ebda persuna fi kwalunkwe parti tal-Park m'għandha tkun fil-pussess jew kontroll ta' għasfur selvaġġ ħaj użat bħala *decoy* għat-teħid f'għalqa miftuħa li qeda fil-konfini tal-Park, bejn is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30p.m.) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul staġun tal-insib miftuħ kull meta tiġi applikata deroga għal staġun tal-insib.

(8) Ebda persuna m'għandha tħalli fil-Park arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għatta tagħha jew mhix, jew tħalli xi munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew kull mezz ieħor intiż sabiex jiffaċilita l-ikkaċċjar ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ fi kwalunkwe parti tal-Park bejn:

(a) in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30p.m.) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Settembru, Ottubru, Novembru, u matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa u mill-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara matul Diċembru u Jannar:

Iżda ebda persuna m'għandha tħalli fil-Park arma tan-nar jew kull tip ta' arma oħra intiża għall-ikkaċċjar, kemm jekk ikkargata jew mhix, kemm jekk fl-għatta tagħha jew mhix, jew tħalli xi munizzjon jew apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew kull mezz ieħor intiż sabiex jiffaċilita l-ikkaċċjar ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ fi kwalunkwe parti tal-Park bejn l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara kull nhar t' Erbgħa;

(b) l-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m) u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara fil-festi pubbliċi minn Settembru sa Jannar u fil-festi pubbliċi matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa kull meta tiġi applikata deroga għal dan l-istaġun; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull arma tan-nar skargata jew armi oħra, munizzjon, apparat jew mezzi oħra użati minnha intiżi sabiex jiffaċilitaw l-ikkaċċjar ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra u kemm il-darba persuna ma jkollhiex permess validu jew awtorizzazzjoni mill-*Park Manager* kif applikabbli, fil-konfini tal-Park mhux permess:

(a) l-ipparkeġġjar, it-tqegħid jew is-sewqan ta' vetturi 'l barra miż-żoni li l-Bord minn żmien għal żmien jindika, ħlief għal:

(i) il-parkeġġ jew sewqan ta' vetturi agrikoli fuq raba' agrikola maħduma eżistenti kif raġjonevolment meħtieġ għal fini tal-koltivazzjoni tal-istess raba' agrikola; jew

(ii) il-manutenzjoni ta' servizzi infrastrutturali u, jew xogħlijiet pubbliċi kif approvati fil-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-Park, u bil-kundizzjoni li x-xogħlijiet u l-parkeġġ, it-tqegħid u s-sewqan u ta' vetturi anċillari jkun strettament limitat għas-sit approvat għax-xogħlijiet; jew

(iii) l-infurzar tal-liġi jew għal bon-ordni pubbliku:

Iżda f'kull każ, kull persuna tkun responsabbli għall-ħsara diretta, indiretta jew konsegwenzjali li tiġġarrab fil-Park;

(b) l-ikkampjar 'il barra miż-żoni approvati mill-Bord minn żmien għal żmien;

(ċ) it-tqabbid jew attentat ta' tqabbid ta' nar għal skopijiet ta' divertiment, inkluż iżda mhux limitat għal-logħob tan-nar, ħġejjeġ, *barbecues* jew nirien ħdejn kampijiet 'il barra miż-żoni approvati mill-Bord minn żmien għal żmien, iżda din id-dispożizzjoni ma tapplikax:

(i) għal persuni li jqabbdu n-nar li hu direttament konness ma' jew meħtieġ għall-immaniġġjar tal-Park, bl-approvazzjoni mogħtija

VERŻJONI ELETTRONIKA

minn qabel mill-*Park Manager*; jew

(ii) għal nar ikkontrollat fil-konfini ta' abitazzjoni privata jew nar ikkontrollat f'raba' agrikola maħduma eżistenti għal skopijiet ta' koltivazzjoni u manutenzjoni tar-raba' u manutenzjoni relatat, safejn dan ma jkunx konfliġġenti mad-dispożizzjonijiet tal-pjan tal-immaniġġjar tal-Park:

Iżda ukoll f'kull każ, kull persuna tkun responsabbli għall-ħsara diretta, indiretta jew konsegwenzjali li tiġġarrab fil-Park;

(d) l-organizzazzjoni jew twettieq ta' xi attività jew xogħol li jinvolvi 'l fuq minn għoxrin (20) persuna, kemm jekk għal skopijiet kummerċjali jew mhux, ħlief għal attivitajiet ta' mixi jew ċikliżmu fuq mogħdijiet approvati u attivitajiet organizzati għal skopijiet edukattivi mill-*Park Manager* iżda li f'kull każ jkunu suġġetti għall-permessi oħra meħtieġa;

(e) it-twaħħil jew tpoġġija temporanja ta' installazzjoni jew apparat marbut mal-organizzazzjoni jew twettieq ta' xi attività jew xogħol;

(f) ix-xogħol ta' ffilmjar organizzat jew attivitajiet jew xogħlijiet simili 'l barra miż-żoni approvati mill-Bord minn żmien għal żmien;

(g) it-tneħħija ta' ġebel, ċagħaq jew ramel mill-bajja jew mill-għaram tar-ramel ħlief għall-immaniġġjar tal-Park taħt id-direzzjoni tal-*Park Manager*;

(h) it-tressiq, tneħħija, ċaqliq jew ikkaġunar ta' ħsara f'apparat intiż għall-immaniġġjar tal-Park, inklużi sinjali, barrikati, faċilitajiet għal ġbir ta' skart jew apparat għas-sigurtà fuq il-bajjiet;

(i) l-ikkawżar ta' danni lill-Park u lill-bio-diversità fi ħdanu.

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti japplikaw bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra relatati u ma jeżentaw lil ebda persuna, inkluż il-*Park Manager*, milli tikkonforma ruħha mar-restrizzjonijiet, projbizzjonijiet u permessi oħra li jistgħu jkunu applikabbli. Il-*Park Manager* hu responsabbli li jiżgura li regolamenti u permessi hekk meħtieġa huma osservati f'kull żmien għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti.".